Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,577, 13 ta' Frar, 1998
Taqsima B

A.L. 50 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Baċillier fit-Teoloġija Mqaddsa - S.Th.B.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Baċillier fit-Teoloġija Mqaddsa - S.Th.B. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1990 tal-Kors għall-Grad ta' Baċillier fit-Teoloġija Mqaddsa - S.Th.B. - li minn hawn 'l quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. (1) Emendi Nri. 3 u 4 għandhom japplikaw minn Mejju 1996 'l quddiem.

(2) Emenda Nru. 5 għandha tapplika minn Frar 1997 'l quddiem.

Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu 1 tar-Regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4.1 (a) Il-materji tal-Parti Intermedja tal-kors għandhom ikunu:

Filosofija bħala materja ewlenija;

Psikoloġija, Soċjoloġija, Latin, Lhudi, Grieg Bibliku, u t-Teoloġija tas-Salvazzjoni bħala materji sekondarji."

4. Minflok il-paragrafu (4) tar-Regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4.4 Biex itemm il-kors ta' l-istudji kandidat ikun meħtieġ jikseb għallinqas 51 kredtu fil-Parti Intermedja u 86 fil-Parti Finali."

Emenda għar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (1) tar-Regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. **Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

3.1 Kandidat jista' japplika għad-dħul fil-Kors li jwassal għall-grad ta' Baċillier fit-Teoloġija Mqaddsa jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul bħala student regolari skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università'."